MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2013

Numru 345/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Josric Mifsud]**
**vs**
**Dr. Alfred Grech**

**Il-Qorti**,
**1.** Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Dr. Alfred Grech, bin Lawrence u Rita nee' Grech, mwieled fit-18/01/1952, detentur tal-Karta ta' l-Identita bin-Numru 5952G u joqgħod The Plough, Triq il-Wileġ, San Lawrenz, Għawdex, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

nhar it-28 ta' Lulju, 2008 għal ħabta tas-12:45hrs fir-Rabat, Għawdex:-
1. saq vettura bin-numru FBG 097 ta' għamla Mercedes meta kellu l-liċenzja tas-sewqan skwalifikata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, Għawdex datata 10 ta' Settembru, 2007.

2. saq vettura bin-numru FBG 097 tal-għamla Mercedes mingħajr ma l-liċenzja tal-imsemmija vettura kienet imġedda għas-sena kurrenti mill-Awtorita`tat-Trasport ta’ Malta.
3. saq l-imsemmija vettura meta ma kienx kopert b’polza tal-assigurazzjoni rigward ir-riskji ta’ terzi persuni.
4. u aktar talli sar reċidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Għawdex preseduta mill-Prim Imħallef Dr. Vincent DeGaetano fl-10 ta’ Settembru, 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mħassra.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-12 ta’ Ġunju, 2012 li biha il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(3) u 59 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-artikolu 3(1)(2)(b) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta sabet lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u ikkundannatu għall-ħlas ta’ multa ta’ ħamest elef ewro (€5000) u skwalifikatu milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta’ sentejn mid-data tas-sentenza.

**3.** Il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza tiġi kkomunikata mir-Reġistratur lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Ġusitzzja.

**4.** Rat ir-rikors tal-appellant Dr. Alfred Grech minnu ppreżentat fit-28 ta’ Ġunju, 2012 li bih talab lil din il-Qorti tirrevoka is-sentenza msemmija u tilliberah minn kull ħtija u piena jew, alternattivament, tvarjha in kwantu tikkonċerna l-piena.

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawża inkluzi id-depożizzjonijiet tal-persuni li xehedu quddiemha u n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet, semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati tagħhom.

**6.** Il-fatti ta’ dan il-każ jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fit-28 ta’ Lulju 2008 għall-ħabta tat-12.45 pm xi uffiċjali tal-pulizija osservaw lill-Dr. Alfred Grech isuq vettura numru FBG 097 fi triq Papa Ġwanni Pawlu II ġej mid-direzzjoni tal-Gharb. Għalkemm sarlu sinjal biex jieqaf l-imsemmi Dr. Alfred Grech baqa’ għaddej. Il-puliżija daru u segwewh bil-vettura tagħhom u waqqfuh fi triq Qasam San Ġorġ ma’ Borg Geritu r-Rabat Għawdex. Ġie nnotat li mal-windscreen tal-vettura misjuqa minn Dr. Grech kien hemm imwaħħla l-liċenzja li kienet skadiet f’Ġunju 2007.

Mill-istħarriġ li sar irriżulta wkoll li l-istess Dr. Grech kellu l-liċenzja tiegħu tas-sewqan sospiża b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-10 ta' Settembru 2007.

**7.** L-aggravji tal-appellant huma tnejn: l-ewwel, li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi peress li qatt ma setgħet tasal għal sejbien ta' ħtija fil-konfront tiegħu peress li l-konvinċiment morali mhux sostnut mill-provi ma jista' qatt iwassal għal sejbien ta' ħtija; it-tieni, minħabba problemi personali li kien għaddej minnhom l-appellant fiż-żmien relevanti il-piena erogata mill-ewwel Qorti hi waħda gravuża ferm u għalhekk hu indikat li jkun hemm temperament fil-piena pekunjarja kif ukoll f'dik tal-iskwalifika.

Ikkunsidrat:

**8.** In kwantu għall-ewwel aggravju l-appellant isostni li huwa ma ġiex identifikat mill-uffiċjali tal-pulizija bħala l-persuna li kienet issuq il-vettura in kwistjoni fid-data msemmija minnhom. Huwa minnu li quddiem l-ewwel Qorti ma jirriżultax li l-uffiċjali tal-pulizija involuti f'xi ħin identifikaw fl-awla lill-imputat appellant bħala s-sewwieq u f'din l-istanza l-istess uffiċjali tal-pulizija ma ġewx prodotti għall-istess fini. Iżda, kif sew irrilevat l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, l-imputat appellant effettivament inekwivokabilment identifika lilu nnifsu meta eżenta lill-prosekuzzjoni milli tagħmel il-prova tal-identita' tal-persuna indikata bħala Dr. Alfred Grech fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-10 ta' Settembru 2007. Meta għamel hekk huwa kien qiegħed jikkonċedi li huwa kien l-istess Dr. Alfred Grech li fil-konfront tiegħu ingħatat dik is-sentenza u mill-*affidavits* ta' PS 1424 M. Xiberras u PC 1406 J.Parnis jirriżulta li l-persuna li fil-konfront tagħha ingħatat dik is-sentenza hija l-itess persuna li huma kienu raw issuq fi triq Papa Ġwanni Pawlu II u li waqqfu fi triq Qasam San Ġorġ ma' Borg Geritu r-Rabat.

**9.** Għall-bqija jirriżulta mid-depożizzjoni tal-Avukat Dr. Carmelo Galea li l-vettura FBG 097 ma kienetx assigurata fit-28 ta' Lulju 2008 iżda ġiet assigurata biss fid-29 ta'

Lulju waqt li mix-xiehda ta' Saviour Farrugia, rappreżentant ta' Transport Malta jirriżulta li l-istess vettura hi reġistrata fuq isem Dr. Alfred Grech bil-karta ta' identita' numru 5952(G) li tikkorrispondi mal-karta ta' identita' tal-imputat u li l-liċenżja għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2008 sal-aħħar ta' Ġunju 2009 tħallset fid-29 ta' Lulju 2008, u ċioe' 'l għada tal-inċident in kwistjoni. Dakinhar ħallas ukoll il-liċenzja għas-sena preċedenti u ċioe mill-1 ta' Lulju 2007 sat-28 ta' Lulju 2008.

**10.** Dan l-ewwel aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint peress li r-reati li tagħhom l-imputat instab ħati mill-ewwel Qorti jirriżultaw skont il-liġi.

**11.** Bit-tieni aggravju tiegħu l-appellant qiegħed jitlob temperament fil-piena minħabba l-problemi personali li kellu fiż-żmien relevanti. Irriżulta li l-appellant dak iż-żmien kellu problema ta' alkohol li jidher li kienet piuttost serja u li jidher li ġiet skattata b'ċerti problemi familjari li sab ruħu rinfaċċjat bihom. Din il-Qorti, iżda, ma tarax din iċ-ċirkostanza bħala waħda li timmilita favur temperament fil-piena tenut kont tan-natura tar-reati addebitati lilu relatati ma sewqan ta' vettura. Anzi, ċ-ċirkostanza msemmija, aktar timmilita favur aggravament tal-piena għaliex persuna li għandu problema ta' alkoħol għandu jżomm il-bogħod milli jsuq vetturi bil-mutur fit-triq għaliex ikun ta' periklu kostanti mhux biss għalih innifsu iżda wkoll għall-inkolumnita' tal-persuni fit-triq. Is-sitwazzjoni tkompli taggrava ruħha meta jittieħed qis tal-fatt li fost ir-reati hemm dak ta' sewqan meta kellu l-liċenzja skwalifikata mill-Qorti u mingħajr polza ta' assikurazzjoni li setgħet tkun ta' xi għajnuna għal min seta' safa' mweġġgħa mill-appellant bis-sewqan tiegħu. Barra minn hekk, tenut kont tal-fatt li mill-fedina penali tiegħu jirriżulta li l-imputat kien preċedentement ġia nstab ħati tar-reat ta' sewqan mingħajr polza fi tlett okkażjonijiet oħra l-ewwel Qorti ġia kienet lenjenti miegħu meta applikat il-piena prevista fl-artikolu 3(1)(2)(b) tal-Kap 104 minflok dik aktar severa prevista fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (2) tal-istess artikolu.

**12.** In kwantu għall-perjodu ta' skwalifika mil-liċenzja tas-sewqan din il-Qorti ma hix tal-fehma li għandha tikkonsidra xi temperament tagħha kemm għar-raġunijiet ġia msemmija kif ukoll tenut kont tal-ispavalderia tal-atteġġjament tal-imputat appellant lejn il-liġi u lejn l-awtoritajiet pubbliċi u n-non kuranza li ripetutament wera lejn l-inkolumnita' tal-pubbliku.

Għall-motivi premessi l-appell tal-imputat appellant Dr. Alfred Grech qiegħed jiġi respint u s-sentenza appellata konfermata fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------